1/2 October 2016

# EuroBirdwatch 2016

## L-osservazzjoni ta' miljuni ta' għasafar tal-passa

F'dan iż-żmien tas-sena, miljuni ta' għasafar tal-passa jkunu qed iħallu l-Ewropa biex itiru lejn il-postijiet fl-Afrika fejn se jqattgħu x-xitwa. BirdLife International qed tistieden lill-popli tal-Ewropa u l-Asja Ċentrali biex tul tmiem il-ġimgħa tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2016 jaħtfu l-opportunità biex jiskopru d-dinja affaxxinanti tal-migrazzjoni tal-għasafar.

Din is-sena, 36 imsieħeb nazzjonali ta' BirdLife International fl-Ewropa u l-Asja Ċentrali, inklu BirdLife Malta, qed tistieden liċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi biex josservaw l-għasafar tal-passa u jisimgħu fatti interessanti dwar il-migrazzjoni tagħhom u l-perikli li jiffaċċjaw tul il-vjaġġi li jagħmlu. Dawk li jilqgħu din l-istedina se jsibu postijiet armati apposta għall-osservazzjoni tal-għasafar u *stands* informattivi fejn isir qsim ta' esperjenzi u tagħrif dwar l-għasafar tal-passa u r-rotot li jieħdu. Fl-Ewropa huma ppjanati li jsiru mijiet ta' attivitajiet.

F'Malta, l-attivitajiet relatati mal-EuroBirdwatch 2016 bdew nhar is-Sibt li għadda 24 ta' Settembru meta fetaħ il-Migration Festival organizzat minn BirdLife Malta b'nofstanhar ta' *birdwatching* fl-inħawi tas-Salib tal-Għolja fis-Siġġiewi. Dakinhar saru ammont ta' attivitajiet edukattivi għat-tfal. Il-Migration Festival ikompli llum l-1 ta' Ottubru f'Tal-Bosk fil-Buskett bejn it-15:00 u s-18:00 fejn il-maġija tal-passa tal-ħarifa se tiġi ċċelebrata b'wirja ta' ritratti u preżentazzjoni minn fotografu lokali li jispeċjalizza f'ritratti tan-natura, flimkien ma' attivitajiet għall-familji u *tour* iggwidat tul il-Buskett. L-aħħar avveniment tal-Migration Festival isir bħal-lum ġimgħa, is-Sibt 8 ta' Ottubru, meta l-pubbliku se jkollu l-okkażjoni rari li jżur ir-Riserva Naturali tal-Għadira matul l-istaġun magħluq. Bejn l-10:00 u l-16:00 se jsiru żewġ sessjonijiet ta' esplorazzjoni għall-familji. Biex wieħed jieħu sehem irid jibbukkja minn qabel. L-ewwel sessjoni se ssir bejn l-10:00 u l-11:30 u t-tieni bejn il-11:30 u s-13:00. Wara dan il-ħin, ir-riserva se tkun miftuħa għall-pubbliku mingħajr il-ħtieġa li wieħed jibbukkja.

Studju li sar minn BirdLife International u li kien ippubblikat fl-2015 juri li 25 milju (!) għasfur tal-passa qed jinqabdu kull sena madwar il-Mediterran. U wara li jegħlbu dan il-periklu serju, ħafna minn dawn l-għasafar ikunu għad iridu jaqsmu d-deżert tas-Sahara u l-perikli li dan iġib miegħu, darbtejn fis-sena. L-imsieħba fil-familja tal-BirdLife fil-pajjiżi involuti qed jagħmlu minn kollox biex jiġġieldu dan il-qtil bla sens li għalih m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni.

Għalhekk għall-għasafar li jkunu qed ipassu; l-eżistenza ta' postijiet adattati biex ibejtu fit-Tramuntana, il-ħarsien tal-postijiet fejn jieqfu jistrieħu waqt il-passa fi triqithom biex jagħmlu dan, kif ukoll il-ħabitats adattati fir-reġjuni fejn iqattgħu x-xitwa huma kruċjali. L-iskop ta' EuroBirdwatch 2016 hu li tqajjem kuxjenza dwar il-fenomenu tal-passa tal-għasafar u l-ħtiġijiet ta' dawn l-għasafar fil-postijiet fejn ibejtu, fuq ir-rotot li jieħdu u fl-inħawi fejn iqattgħu x-xitwa tagħhom fil-Mediterran u fl-Afrika.

Dan hu avveniment annwali li jiġbor fih mijiet ta' attivitajiet organizzati fuq livell nazzjonali fid-diversi pajjiżi parteċipanti. Fil-postijiet tal-osservazzjoni jinġabru n-numri tal-għasafar li jkunu ġew osservati u tal-persuni li jkunu pparteċipaw u dawn jiġu rappurtati f'ċentru wieħed Ewropew minn kull pajjiż individwali. Is-sena l-oħra 41 pajjiż fl-Ewropa u l-Asja Ċentrali organizzaw bejniethom 1,093 avveniment, b'aktar minn 32,000 ruħ jieħdu sehem f'dan il-proċess. Bejniethom ġew magħduda total ta' 5 miljun għasfur tal-passa individwali!

Din is-sena l-avveniment qed jiġi kkordinat minn BirdLife Switzerland li se tkun qed isservi bħala ċ-Ċentru Ewropew fejn se tiġi proċessata l-informazzjoni kollha li tkun dieħla mingħand il-pajjiżi parteċipanti.

Għal aktar informazzjoni tista' żżur: www.eurobirdwatch.eu.

## TMIEM

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**

Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
EuroBirdwatch 2016
www.eurobirdwatch.eu

BirdLife International
http://www.birdlife.org

BirdLife Europe & Central Asia
http://www.birdlife.org/europe-and-central-asia

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/S1KrfUeSN5**
Għażla ta' ritratti mill-ewwel avveniment tal-Migration Festival organizzat minn BirdLife Malta nhar is-Sibt li għadda fl-inħawi tas-Salib tal-Għolja (Ritratti ta' BirdLife Malta)

BirdLife International hija l-akbar sħubija globali ta' għaqdiet li jaħdmu għall-konservazzjoni tan-natura, b'120 organizzazzjoni membri fiha minn madwar id-dinja kollha. Flimkien dawn jiffurmaw l-ogħla awtorità dinjija fuq l-istat tal-għasafar, il-ħabitats tagħhom u l-kwistjonijiet u problemi li jeffettwaw il-ħajja tal-għasafar.